

Kif tista' tkun ta' għajnuna l-politika agrikola tal-UE f'din it-tranżizzjoni?

Il-bdiewa jiddeċiedu fejn iridu jbiegħu l-prodotti tagħhom: fis-suq tal-ikel, l-għalf jew l-enerġija. Hekk kif l-obbligu tal-UE li jirdoppja l-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2020 iżid sew id-domanda għall-bijomassa, hemm possibbiltà kbira li s-suq tal-enerġija se jsir aktar importanti.

L-għajnuna għall-produzzjoni u l-użu tal-bijoenerġija fiż-żoni rurali fi ħdan il-politika agrikola tal-UE għet imsaħħa: l-enerġija rinnovabbli u t-tibdil fil-klima huma prijoritajiet li għalihom l-UE żiedet sostanzjalment ir-riżorsi finanzjarji disponibbli.

L-għajnuna għall-enerġija rinnovabbli tista' tiegħu ħafna forom differenti, b'firxa minn investimenti fil-kapital fiżiku għal dawk fil-kapital uman (bħat-taħriġ). Dawn huma xi eżempji ta' proġetti rilevanti mgħejjuna b'finanzjament mill-UE (permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali):

- il-bini ta' impjanti tal-bijogass;
- it-tħawwil ta' siġar f'imsaġar ta' newba qasira;
- l-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin li jaħdmu bit-tiben, bil-gerbub tal-injam jew b'injam ta' valur baxx;
- it-tħawwil ta' ħxejjex perenni għall-enerġija;
- it-titħin ta' żrieragħ taż-żejt fl-impriżi agrikoli u l-użu ta' żejt pur tal-pjanti bħala fjuwil għall-makkinarju tal-impriżi agrikoli.

Barra minn hekk, l-UE tħeġġeġ lill-Istati Memrbi biex jużaw aktar injam minn foresti b'mod sostenibbli u biex l-użu tal-injam isir aktar effiċjenti.



Il-bijoenerġija hija verament sostenibbli?

Hemm rapporti allarmanti dwar il-ħruq tal-foresti tropikali, il-qerda tal-ħabitats tal-ħajja selvaġġa u l-prattiki tal-biedja intensiva u mhux sostenibbli – biex insemmu biss xi ftit mill-inkwiet li jtitlissen ta' sikwit. U apparti dan l-inkwiet ambjentali, ħafna persuni qed isaqsu:

- il-produzzjoni tal-bijoenerġija se żżid il-prezzijiet tal-ikel u se twassal biex ikun hawn il-ġuħ?
- it-tkabbir ulterjuri tal-kannamiela (biex isir l-etanol) se jwassal biex aktar ħaddiema jaħdmu f'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena?
- id-domanda akbar għall-art se twassal biex il-popli indiġeni jitolqu minn djarhom?

Bla dubju, id-domanda globali dejjem akbar għal firxa ta' prodotti bażiċi – mhux biss l-enerġija iżda wkoll l-ikel, l-għalf u l-materja prima – se tagħmel pressjoni fuq l-art verġni u fuq ċerti gruppi soċjali. Għalhekk l-UE teħtieġ li l-bijofjuwils ikunu sostenibbli. L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li kull meta tintuża l-bijomassa għall-enerġija fl-UE bl-għajnuna mill-Istati Membri tagħna, din ma tikkawżax ħsara lill-ambjent, jew tipperikola l-isforzi biex jittaffa t-tibdil fil-klima jew twassal għal effetti soċjali ħżiena.

Jekk tintuża bil-għaqal, il-bijoenerġija se tgħinna biex ikollna provvista ta' enerġija aktar ekoloġika. Għalhekk l-UE tappoġġa bil-qawwa l-produzzjoni u l-użu tal-bijoenerġija sostenibbli.

id-Direttorat Ġenerali
għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<http://ec.europa.eu/agriculture/>
<http://bookshop.europa.eu/>

© L-Unjoni Ewropea, 2010

It-test ta' din il-pubblikazzjoni huwa għal
skopijiet ta' informazzjoni biss u ma jorbotx legalment



Għal provvista ta' enerġija aktar ekoloġika L-irwol tal-bijoenerġija mill-forestrija u l-agrikoltura

 Il-Kummissjoni Ewropea
Agricoltura u
Żvilupp Rurali



X'inhil-bijoenerġija?

Il-bijoenerġija bażikament hija enerġija mill-bijomassa: meta jkunu qegħdin jikbru l-pjanti jiġbru d-dawl tax-xemx flimkien mad-diossidu tal-karbonju, u jaħżnu l-enerġija fil-materja organika li jibnu. Fi kliem ieħor, il-pjanti jaħżnu l-enerġija solari għalina. Il-bijomassa li tintuża għall-enerġija tista' titqies bħala sors ta' enerġija *rinnovabbli* meta titħawwel mill-ġdid u tiġi ssostitwita kontinwament.

Il-bijoenerġija tiġi mill-forestrija, l-agrikoltura u l-iskart organiku. Nistgħu nsaħħnu d-djarna bl-injam, nistgħu nsuqu l-karozzi tagħna bil-bijofjuwils, u l-bijogass minn installazzjonijiet li jużaw il-komponent organiku tal-iskart (bijoskart) jista' jiġġenera l-elettriku u s-sħana.



Għalfejn l-enerġija rinnovabbli hija importanti għall-futur tagħna?

- L-enerġija rinnovabbli għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minħabba li tgħinna nnaqqsu l-emmissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.
- L-enerġija rinnovabbli tagħmilna wkoll inqas dipendenti fuq l-enerġija importata u li tiġi minn sorsi fossili.
- It-tranżizzjoni għal enerġija aktar ekoloġika toħloq l-impjiegi u żżid it-tkabbir ekonomiku fl-UE.

Dawn huma r-raġunijiet għala l-UE impenjat ruħha biex iżżid il-porzjoni tal-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għal 20 % sal-2020. Dan huwa madwar id-doppju tal-porzjon attwali.

F'ħafna każijiet, il-bijomassa tintuża l-aħjar fis-sistemi lokali tal-provvista u l-konsum tal-enerġija. Għalhekk il-mira tal-UE għall-enerġija rinnovabbli hija aħbar tajba għaż-żoni rurali tal-UE; qed tistimula l-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni, l-opportunitajiet tan-negozju u l-prospertà fil-kampanja.

Għalfejn ma nistgħux ngħaddu mingħajr il-bijoenerġija?

Il-bijoenerġija hija bil-kbir l-aktar tip importanti ta' enerġija rinnovabbli fl-UE; attwalment tipprovi żewġ terzi tal-enerġija rinnovabbli kollha fl-UE. Il-bijoenerġija għandha bosta vantaġġi. Hija:

- **kompetittiva:** is-sorsi ewlenin tal-bijomassa għal bijosħana huma relattivament irħas meta mqabbla mas-sorsi tal-enerġija fossili;
- **dejjem disponibbli:** b'differenza mill-enerġija solari u l-enerġija mir-riħ, il-bijoenerġija għandha l-vantaġġ li

tista' tiġi prodotta kontinwament, peress li l-parti l-kbira tal-materja prima tista' tinħażen;

- **konvenjenti:** il-bijoenerġija tista' tkopri domanda staġonali li tinbidel (pereżempju, bosta familji jaħżnu l-injam għat-tisħin tad-dar fix-xitwa); u
- **lesta biex tintuża:** għal flotta attwali ta' karozzi, il-bijofjuwils huma l-unika alternattiva għal fjuwils minn sorsi fossili.

Għalhekk il-bijoenerġija se jkollha rwol importanti biex tintlaħaq il-mira tal-UE li sal-2020 20 % tal-enerġija wżata tiġi minn enerġija rinnovabbli.

Hemm biżżejjed bijomassa disponibbli?



Iva – hemm ħafna sorsi potenzjali ta' bijoenerġija li attwalment mhumiex jintużaw biżżejjed, pereżempju:

- Fin-natura tagħhom, is-siġar tal-foresti Ewropej jikbru kull sena, u minn dan it-tkabbir jituża biss żewġ terzi.
- Inqas minn għaxra fil-mija tad-demel prodott mill-agrikoltura Ewropea qed jintuża għall-ġenerazzjoni tal-bijogass.
- Parti minn dawk ir-residwi organiċi mill-ġestjoni tal-forestrija, l-agrikoltura jew tal-pajsaġġ li sempliċiment jitħallew jiddekomponu, tista' tintuża għall-bijoenerġija.
- L-art agrikola mistrieħa tista' tintuża u jistgħu jitħawlu siġar fuq art agrikola inqas produttiva.
- Il-bdiewa jistgħu jbiegħu aktar prodotti tradizzjonali fuq is-suq tal-enerġija jew jiddeċiedu li jkabbri pjanti dedikati għall-enerġija, bħal ħxejjex.

L-istudji juru li l-użu tal-bijoenerġija fl-UE jista' jikber b'darbejn jew tliet darbiet mingħajr ħsara lill-ambjent u mingħajr ma jnaqqas il-produttività tal-ikel, l-għalf u l-materja prima.

Fi kliem ieħor: Is-settur tal-forestrija u l-agrikoltura tal-UE, flimkien maż-żieda fl-użu tal-bijoskart għall-enerġija, se jkopru l-biċċa l-kbira mill-obblig li 20 % tal-enerġija tkun rinnovabbli. Din hija sfida kbira ħafna kif ukoll opportunita tajba għaż-żoni rurali fl-Ewropa.